KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## ID-DISA' (9) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Tmienja u Għoxrin (28)***

***Il-Ġimgħa, 24 ta' April, 2026***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-Laqgħa Straordinarja Numru 28 li ntalbet b'urġenza li ssir mis-Sindku Karl Boxall. Din il-Laqgħa inżammet fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fit-tlieta ta' wara nofsinhar (3:00pm)

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | KARL BOXALL |
| IL-VICI SINDKU | BRIAN XUEREB |
| IL-KUNSILLIER | STEPHEN ATTARD |
| IL-KUNSILLIER | STEVEN AXISA |
| IL-KUNSILLIERA | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIER | JESMOND MANICOLO |
| IL-KUNSILLIERA | NAOMI MIZZI |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**PUBBLIKU:**

Ħadd

**MINUTI**

Is-Sindku Karl Boxall ippressjeda il-laqgħa.

*Il-Kunsillier Stephen Attard talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiġi skużat mill-Laqgħa Straordinarja fejn sostna li skond il-liġi, l-Laqgħa tal-Kunsill Lokali ma tistax issir qabel il-5:00pm. F'dan l-istadju, il-Kunsillier Stephen Attard ħareġ mill-kamra.*

*Il-Laqgħa tkompliet.*

**28.1 <u>Mozzjoni b'riżoluzzjoni għal deċiżjoni li ttieħdet waqt Laqgħa Numru 26 li nżammet nhar it-Tlieta, 17 ta' Marzu 2026 dwar id-diskorsi li se jsiru waqt iċ-Ċerimonja ta' Jum Ħal Għaxaq</u>**

28.1.1 Is-Sindku Karl Boxall qal li din il-Laqgħa kellha ssir minħabba l-urġenza taċ-Ċerimonja fl-okkażjoni ta' Jum Ħal Għaxaq li se ssir illejla.

28.1.2 Is-Sindku qal li wara li s-Segretarju Parlamentari is-Sinjura Alison Zerafa Civelli infurmat li mhux se tattendi minħabba impenji oħra, ikkonfermat li l-Ministru Dr Owen Bonnici se jkun qed jattendi minflokha. Wara li nqalgħet diskussjoni dwar jekk il-Ministru għandux jitkellem waqt iċ-Ċerimonja, is-Sindku sostna li minkejja li fl-aħħar laqgħa konna iddeċidejna li se jitkellem biss is-Sindku u l-Kappillan, huwa ħass li jkun nuqqas ta' rispett kbir li l-Ministru tal-Kultura, Artijiet u Gvern Lokali ma jingħatax iċ-ċans li jagħmel diskors waqt din iċ-ċerimonja.

28.1.3 Għaldaqstant is-Sindku Karl Boxall ressaq mozzjoni b'riżoluzzjoni għal deċiżjoni li ttieħdet waqt Laqgħa Numru 26 li nżammet nhar it-Tlieta, 17 ta' Marzu 2026 dwar id-diskorsi li se jsiru waqt iċ-Ċerimonja ta' Jum Ħal Għaxaq. Din il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Brian Xuereb.

28.1.4 Il-Viċi Sindku Brian Xuereb qal li żgur ikun disrispett kbir li tgħid lill-Ministru biex ma jitkellimx ftit qabel l-istess ċerimonja. Dwar dan qabel ukoll il-Kunsillier Steven Axisa.

28.1.5 Is-Sindku Karl Boxall fakkar ukoll li hu kien issuġġerixxa li titkellem is-Segretarju Parlamentari fl-okkażjoni u dan sar permezz ta' email li kienet intbagħtet lil kulħadd fit-23 ta' Marzu, għaldaqstant min kellu xi oġġezzjoni seta' irrisponda dakinhar u mhux ftit siegħat qabel iċ-Ċerimonja.

28.1.6 Kien hawnhekk li tressaq il-vot favur il-mozzjoni imsemmija f'materja numru 28.1.3 bir-riżultat:
Favur: 6 (Karl Boxall, Brian Xuereb, Steven Axisa, Christine Dalli, Jesmond Manicolo, Naomi Mizzi)
Kontra: Ħadd
Astensjonijiet: Ħadd

28.1.7 Għaldaqstant il-mozzjoni b'riżoluzzjoni annessa mal-Minuti ġiet approvata unanimament mill-membri preżenti.

Il-Laqgħa ntemmet fit-3:23pm.

| | |
|---|---|
| _______________________ | _______________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Karl Boxall |
| | Sindku |